

Editorjal

Fr Carl Mario Sultana

# Inkunu katekisti mhux naħdmu bħala katekisti

Fid-diskors li l-Papa Franġisku għamel lill-katekisti fil-Kungress Kateketiku Internazzjonali li sar f'Ruma f'Settembru tal-2013, il-Papa beda d-diskors billi tkellem fuq is-sejħa speċifika li tkun katekist illum. Il-Papa qal: "Il-katekeżi hija vokazzjoni: "li tkun katekist", din hija vokazzjoni, mhux għażla ta' xogħol."

Hawnhekk, il-Papa qiegħed imur mill-ewwel għall-għeruq tas-sejħa tagħna bħala persuni li għandhom is-sejħa partikulari li jakkumpanjaw lill-oħrajn fil-mixja tal-fidi tagħhom. Din is-sejħa ssirilna bħala sejħa partikulari fis-sejħa universali ta' kull nisrani li jgħix ħajja nisranija. Il-vokazzjoni ta' katekisti hija parti minn din il-ħajja nisranija tagħna, u ma nistgħux inkunu katekisti, jekk l-ewwel u qabel kollox, aħna m'aħniex insara tajbin, u ma ngħixux stil ta' ħajja nisranija f'kull mument ta' ħajjitna.

Il-Knisja hija mibnija fuq erba' pilastri: ix-xhieda, il-liturġija, id-djakonija (servizz) u l-komunjoni. Kull wieħed minn dawn il-pilastri huwa importanti biex ikollna Knisja soda u sħiħa. Il-katekeżi tifforma parti mix-xhieda li l-Knisja tagħti ta' dak kollu li temmen fih, u ta 'dak kollu li hi. Din ix-xhieda tgħodd għal dawk kollha li huma mgħammdin. L-imgħammdin kollha huma msejħin biex juru l-għala tat-tama tagħhom. Imma din is-sejħa li nkunu xhieda tgħodd aktar u aktar għal dawk li b'mod speċjali huma msejħin biex ikunu katekisti. Ix-xhieda li l-katekisti huma msejħin biex jagħtu mhix biss xhieda bil-kliem: kemm u kif Alla daħal fil-ħajja tagħhom u bidilha minn ġewwa, u għamilha aktar sabiħa milli kienet qabel. Ix-xhieda li jrid jagħti l-katekist għandha tkun l-ewwel u qabel kollox xhieda ta' ħajja tassew nisranija f'kull aspett tagħha. Dan ifisser li rridu nkunu xhieda kull fejn inkunu u ma' kull min inkunu.

Il-Malti jgħid: "L-ewwel ma tiekol, l-għajn". Kemm jgħodd dan il-qawl għax-xhieda li l-katekisti huma msejħin li jagħtu! Hija din ix-xhieda li l-katekist jagħti fil-ħajja ta' kuljum li tgħin biex in-nies jinġibdu tassew lejn il-fidi nisranija, u jitħajru huma wkoll jippruvaw jgħixu dak li titlob il-fidi nisranija. San Franġisk t'Assisi lil sħabu li kienu jaqsmu l-ħajja miegħu, kien iħeġġiġhom biex imorru jevanġelizzaw. Kien jgħidilhom: "Xandru l-Evanġelju l-ħin kollu, u jekk ikun hemm bżonn, użaw il-kliem". Huwa billi nkunu xhieda kullimkien u ma' kulħadd li aħna nkunu qegħdin inwieġbu tassew għas-sejħa tagħna bħala katekisti, u ma nkunux katekisti li nagħmlu x-xogħol ta' katekisti biss fil-ħin tat-tagħlim u daqshekk. Inkunu tassew persuni li qed jgħixu s-sejħa tagħhom bħala katekisti b'mod sħiħ: bix-xhieda u bil-kliem.